Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 306/2016

**Express Aluminium Limited (appellata)**

**Vs**

**Setra Trading Limited (appellanti)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. Fit-3 ta' Awissu, 2016 l-attrici harrket lis-socjeta' konvenuta fit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar ghas-somma ta' erbat elef seba' mija u disgha u hamsin ewro u tlett centezmi (€4,759.03), bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' aluminju li sar fuq inkarigu tal-konvenuta.

2. Il-konvenuta wiegbet li:

   i. Il-kawza hi intempestiva ghaliex kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet bil-ghand li jintlehaq ftehim u fil-fatt kienu vicin li jikkonkludu transazzjoni.
   ii. L-attrici ghandha ggib provi tal-fatturi li qeghda tippretendi hlas ghalihom.
   iii. L-attrici qeghda titlob hlas ghal xoghol li ma kkonsenjatx.
   iv. L-attrici qeghda titlob hlas ghal xoghol li hadet lura.

3. B'sentenza tal-20 ta' Frar, 2017 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u laqa' t-talba tal-attrici.

4. B'rikors prezentat fit-13 ta' Marzu, 2017 il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-ilment taghha hu li:

   i. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi.
   ii. L-azzjoni kienet intempestiva.

5. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

6. F'dan il-kaz xehedu erba' min-nies b'kollox. John Camilleri u l-avukat Dr Frank Cassar xhieda tal-attrici, u Giuseppe Trapani u l-avukat Dr Adrian Delia xhieda

tal-konvenuta. Hadd mill-partijiet ma hass il-htiega li jsir kontro-ezami ta' xhieda li ressqet il-kontro-ezami.

7. Mir-rendikont li pprezentat l-attrici hu evidenti li l-parti l-kbira tal-ammont li tieghu ntalab il-hlas jikkoncerna l-kont numru 12461 datat 30 ta' Marzu, 2015 ghas-somma ta' erbat elef u tnax-il ewro (€4,012).

8. Fir-rigward tal-meritu t-Tribunal qal:

*"Mill-assjem tal-provi johrog car li s-socjeta attrici irnexxilha tipprova u tissostanzja u tissostanzja l-ammont minnha reklamat. Min-naha l-ohra, ghad l t-Tribunal ma jiddubitax li kien hemm skambji u li s-socjeta konvenuta kienet qed tinsisti ghal xi tnaqqis, mill-provi minnha prodotti ma jirrizultax xi tnaqqis kien mistenni. Certament li t-Tribunal ma jistax minn rajh jiddeciedi li hemm lok ta' tnaqqis meta kull ma jirrizulta mill-provi fir-rigward hu li kien hemm skambji. Il-fatt li s-socjeta konvenuta ma kkontro-ezaminatx imqar lil Camilleri certament li ma jghinx.*

*Ghalhekk it-Tribunal iqis li t-talba giet ippruvata filwaqt li l-eccezzjonijiet fil-meritu ghandhom jigu michuda".*

9. Dr Adrian Delia xehed:

*"Niftakar li jiena kellimt lil John Bonnici, id-direttur ta' Express Aluminium, u spjegajtlu x'kien l-ilment principali min-naha tal-kljient tieghi. John Bonnici mill-ewwel stqarr mieghi illi kien minnu li xi xoghol kien gie rritornat lilhom u li ghalhekk kellu jitnaqqas mill-kont pendenti, izda fil-fehma tieghu l-ammont li kellu jitnaqqas kien ta' ftit mijiet ta' Ewro u mhux kif kien qieghed jippretendi l-klijent tieghi".*

Pero:

i. John Bonnici ma xehedx;
ii. Ix-xhud ma tax dettalji dwar x'kienu l-oggetti li kienu gew ritornati u hu evidenti li ma jafx x'inhuma.
iii. Minn dak li kompla jghid ix-xhud, hu evidenti wkoll li ma baqax isegwi l-kwistjoni.

10. Xehed ukoll Giuseppe Trapani, *managing director* ta' Setra Trading Ltd, li qal: *"... the amount claimed by Express Aluminium Ltd was not all due since the amount included the invoices for works provided which were subsequently returned".* Il-qorti kienet tistenna li x-xhud ighid liema kienu l-oggetti li gew ritornati. Ix-xhud zied ighid, *"I had never stated that Setra did not have an outstanding amount due with Express Aluminium, but simply that certain payments had to be deducted before payment was made".* Kien fl-obbligu tax-xhud li jiddikjara x'kien jippretendi li kellu jitnaqqas mill-kontijiet u mhux jaghmel biss dikjarazzjoni minghajr ma jaghti dettalji. Hu minnu li l-attrici ma pprezentatx il-kontijiet u pprezentat biss *statement of account*. Madankollu l-istess xhud qal, *"... the amount included the invoices for works provided*

*which were subsequently returned"*. Jekk hu veru li kien gie ritornat xi xoghol, il-konvenuta kienet taf x'inhu u Trapani kellu jidentifikah. Min jallega jrid jipprova. Ghalhekk l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta.

11. Ghalkemm Giuseppe Trapani xehed li kienu marru jkellmuh Joseph Camilleri u Dr Frank Cassar u kien qalilhom li mhux l-ammont kollu kien dovut ghaliex kien hemm xi xoghol li kien gie ritornat, Camilleri u Dr Cassar xehedu li Trapani kien qalilhom li ser ihallas l-ammont kollu.

12. Meta tqis dawn ic-cirkostanzi l-uniku konkluzjoni li tista' tasal ghaliha din il-qorti hi li m'hemmx raguni gravi li tista' twassalha biex ma taqbilx mal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

13. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju relatata mal-eccezzjoni ta' intempestivita tal-azzjoni, il-qorti ma tistax taqbel mal-ilment tal-konvenuta. Hu evidenti li kienet saret laqgha flimkien mad-difensuri tal-partijiet, pero' jidher li ma hallitx il-frott. F'dan ir-rigward Camilleri xehed, *"9. Niftakar li wara, l-avukat ta' Giuseppe kien talab laqgha maghna u fil-fatt iltqajna il-qorti u dakinhar talabni kopja tal-invoices. Dakinhar stess jien bghattlu kollox permezz ta' email. Minn dakinhar 'l hawn bqajt ma smajt xejn aktar la minghand l-avukat ta' Giuseppe Trapani u anqas w anqas minn Giuseppe Trapani stess"*. Il-konvenuta stess f'din il-kawza tat eccezzjoni fil-meritu u baqghet m'identifikatx ix-xoghol li qeghda ssostni li rritornat. Dan minkejja li Trapani stess xehed li kienet inghatat kopja tal-kontijiet. Fih innifsu dan in-nuqqas jaghti l-messagg lill-qorti kemm id-dghajfa d-difiza tal-konvenuta. Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandhiex dubju li l-attrici ma kellix alternattiva ghajr li tipproponi l-kawza. Dan apparti li kieku l-konvenuta kellha rieda tajba kienet thallas dik il-parti mill-kont li m'hijiex tikkontesta. Dan meta tikkunsidra li Trapani ammetta li l-konvenuta hi debitrici tal-attrici, pero' ghal somma inqas li ma qalx x'inhi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta. Peress li tqis li dan l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-attrici ghal darbtejn (artikolu 223(4) tal-Kap. 12).**

Anthony Ellul.